**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa b'Urġenza Numru 17**

**Is-Sibt 31 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-11.00.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**17.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**17.01.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**17.02 Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjeta` fi New Street, Ħal Luqa**

**17.02.01** Is-Sindku John Schembri beda din is-seduta billi qal li huwa aċċetta li ssir din is-seduta minkejja li kienet imsejħa fi żmien qasir. Din il-laqgħa ssejħet mill-Kunsilliera Frederick Aquilina u Andrew Cassar Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li l-interess tar-residenti jiġu qabel kollox. Is-Sindku John Schembri rrimarka li jinsab iddiżappuntat li l-Kunsillier Andrew Cassar ma kienx preżenti għal-laqgħa, ladarba huwa kien wieħed li sejjaħ il-laqgħa.

**17.02.02** Is-Sindku John Schembri tenna li din l-art mhux se tingħata lil Polidano Brothers. Is-Sindku John Schembri kompla jispjega li fil-leġiżlatura preċedenti, hu u l-Kunsillier Eric Camilleri kienu ħadmu sabiex din l-art tibqa' pubblika. Is-Sindku John Schembri tenna li l-Prim Ministru żamm kelmtu li din l-art pubblika ssir spazju miftuħ, tant hu hekk li fil-kwistjoni daħlu Project Green sabiex jassiguraw li din l-art issir spazju miftuħ. Is-Sindku John Schembri qal li Project Green immarkaw bil-blu fejn se jsir dan l-ispazju miftuħ. Is-Sindku John Schembri kompla jispjega li l-kwistjoni mhix fuq l-art pubblika kollha imma fuq biċċa feles, jekk tappartjenix lil Polidano jew hix tal-Awtorita` tad-Djar. Is-Sindku John Schembri qal li wieħed għandu jistenna s-sentenza tal-Qorti u jekk tkun dritt ta' Polidano jew l-Awtorita` tad-Djar, din l-art pubblika tittieħed wara s-sentenza tal-Qorti.

**17.02.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina, qal li din l-art pubblika hija dwar 3,500 metru kwadru u li fi Frar 2024, din kienet imwegħda bħala art pubblika. Il-Kunsillier Frederick Aquilina kompla jispjega li l-art ta' Polidano kienet inxtrat minn qabel. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li biċċa art minnha, ta' madwar 530 metru kwadru, jista' jagħti l-każ li tinbiegħ lil terza persuna gżall-prezz ta' madwar €600,000 sabiex tkun tista' tiżviluppa l-art li hija diġa' tippossedi fl-istess akwati u li din tkejjel għal madwar 2,130 metri kwadri. Il-Kunsillier Frederick Aquilina tenna li l-imsemmija art għadha fil-pussess tal-Awtorita` tad-Djar għax it-trasferiment bejn l-Awtorita` tad-Djar u l-Ministru tal-Ambjent – Project Green għadu ma seħħx. Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel ukoll referenza għal PA No: 03882/24 – applikazzjoni sabiex isir parkeġġ taħt l-art ta' dan il-ġnien, u li s'issa tali applikazzjoni għadha ma ġietx milqugħa. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li m'hemm imkien miktub li taħt l-art jistgħu jsiru spazji għall-parkeġġ. Is-Sindku John Schembri qal li bħala Kunsill huma jgħidu x-xewqa tagħhom, imma fl-aħħar mill-aħħar il-Gvern jiddeċiedi.

**17.02.04** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa unanimament qabel li se jibqa' jinsisti mal-Gvern li l-medda tal-art li tkejjel 3,579.51 metri kwadri, għandha kollha kemm hi tiġi żviluppata fi spazju miftuħ. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa qabel ukoll li x-xogħol għandu jinbeda mill-aktar fis possibbli.

**17.03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**17.03.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fin-12.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025.**

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |